**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT**

**DR RACHEL MONTEBELLO B.A. LL.D.**

**Kumpilazzjoni Nru.: 308/2020**

**IL-PULIZIJA**

**(Spettur Priscilla Caruana Lee)**

**(Spettur Jonathan Ransley)**

**(Spettur Sarah Zerafa)**

**-Vs-**

**MAHMUD SULEIMAN BEN RAMADAN**

**Illum, 9 ta' Awwissu 2021**

**Il-Qorti,**

Rat illi l-imputat **MAHMUD SULEIMAN BEN RAMADAN** detentur tal-karta ta' l-identita' 158832A, tressaq quddiemha akkuzat talli:-

B'diversi atti magħmulin minnhu, ukoll jekk fi żminijiet differenti, li kienu jiksru l-istess disposizzjoni tal-liġi u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda u cioe' talli :

Nhar is-6 ta' Ġunju, 2020 għal-ħabta tal-11 :00 ta' filgħodu minn ġewwa Carters, triq Ħal-Luqa, Tarxien :

1. Ikkometta serq ta' flixkun Jack Daniels u/jew oġetti oħra għad-detriment tal-kumpanija Carters u/jew kumpanija/i oħra u/jew persuna/i oħra ;

2. Ġarr 'il-barra minn xi fond jew id-dintorni tiegħu xi sikkina jew strument li jaqta' jew bil-ponta ta' liema xorta jkun mingħajr ma kellu liċenzja jew permess mingħand il-Kummissarju tal-Pulizija ;

   Ukoll talli nhar l-24 ta' Ġunju 2020 għal-ħabta ta' bejn 12 :30 ta' filgħodu u 01 :30 ta' filgħodu minn ġewwa l-Aġenda Bookshop sitwat ġewwa l-Universita' ta' Malta (Student House, level -1), Msida :

3. Ikkometta serq ta' cash registers u żewġ karusi tal-karita u/jew oġġetti oħra liema serq huwa aggravat bil-ħin, bil-mezz u bil-valur liema ammont ma jeċċedix l-elfejn tlett mija u disa' w għoxrin Euro u sebgħa' w tletin ċenteżmu (€2329,37) għad-detriment ta' l-Aġenda bookshop u/jew entitajiet u/jew kumpaniji oħra u/jew persunio oħra ;

   Ukoll talli nhar l-24 ta' Ġunju 2020 għal-ħabta tat-03:40 ta' wara nofs in-nhar ġewwa l-Convenience shop, triq Oscar Zammit, Msida :

4. Għamel inġurji jew thedid lil **Dina Persiano** mhux imsemmijin band'oħra f'dan il-kodiċi, jew jekk kien ipprovokat, inġurja b'mod li ħareġ barra mil-limiti tal-provokazzjoni ;

   Ukoll talli nhar is-26 ta' Ġunju, 2020 għall-ħabta ta' bejn il-05:00 ta' wara nofs in-nhar u s-06:00 ta' filgħaxija ġewwa 8 Till Late, triq it-Torri, Sliema :

5. Għamel inġurji jew thedid lil **Marilyn Schembri** mhux imsemmijin band'oħra f'dan il-kodiċi, jew jekk kien ipprovokat, inġurja b'mod li ħareġ barra mill-limiti tal-provokazzjoni ;

Ukoll talli nhar it-28 ta' Ġunju, 2020 għal-ħabta ta' bejn it-08:00 ta' filgħodu w t-08 :15 ta' filgħodu minn ġewwa Costa Coffee, triq Santa Lucia, Valletta ;

6. Ikkometta serq ta' flus kontanti u/jew oġġetti oħra liema serq huwa aggravat bil-mezz għad-detriment tal-kumpanija Costa Coffee u/jew kumpanija/i oħra u/jew persuni oħra;

Ukoll talli matul ix-xhur ta' Ġunju 2020 u Lulju 2020:

7. Kiser il-provedimenti ta' sentenza sospiża magħtija fil-konfront tiegħu b'sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta), Maġistrat Dr. Grazio Mercieca LL.D, datata 04 ta' Ġunju 2018, liema sentenza saret definittiva u ma tistgħax tinbidel;

8. Kiser il-provedimenti ta' sentenza sospiża mogħtija fil-konfront tiegħu b'sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta), Maġistrat Dr. Grazio Mercieca LL.D, datata 04 ta' Ġunju 2018 (estenzjoni ta' sentenza sospiża datata 22 t'Ottubru 2015), liema sentenza saret definittiva u ma tistgħax tinbidel.

Rat illi waqt l-interrogatorju fid-9 ta' Lulju 2020, l-imputat wiegeb li m'huwiex hati tal-imputazzjonijiet migjuba kontrih;

Rat il-kunsens moghti mill-Avukat Generali fid-9 ta' Lulju 2020 sabiex dan il-kaz jigi trattat bil-procedura sommarja skont l-Artikolu 370(4) tal-Kap. 9 ;

Rat illi l-imputat ma oggezzjonax li l-kaz tieghu jigi trattat bil-procedura sommarja;

Semghet ix-xhieda u rat il-provi u d-dokumenti kollha;

Semghet it-trattazzjoni orali tal-Prosekuzzjoni u tad-difiza fl-udjenza tad-29 ta' Lulju 2021;

Rat l-atti kollha.

Rat illi l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Illi l-imputat huwa akkuzat b'sensiela ta' serqiet, uhud minnhom aggravati b'uhud mill-kwalifiki msemmija fl-Artikolu 261 tal-Kodici Kriminali, liema serqiet ilkoll twettqu, allegatament, fix-xahar ta' Gunju 2020. Gie akkuzat ukoll li hedded xi impjegati f'zewg stabbilimenti, ukoll fl-istess perijodu ta' zmien, li garr sikkina jew strument li jaqta' u bil-ponta minghajr permess mehtieg mil-ligi, kif ukoll li wettaq dawn ir-reati bi ksur tal-provvedimenti ta' zewg sentenzi sospizi moghtija fil-konfront tieghu u li huwa recidiv.

**L-Ewwel Imputazzjoni : Serqa li twettqet fis-6 ta' Gunju 2020 minn gewwa Carters, Triq Hal Luqa, Tarxien**

L-imputat qed jigi mixli b'serq semplici ta' flixkun tal-whisky u oggetti ohrajn minn gewwa Carters Supermarket.

Lamicchane Radhika, cashier fl-istabbiliment in kwistjoni, xehdet[1] illi meta hija kienet qieghda taqdi lil xi klijenti, rat ragel qed jipprova jghaddi mill-*cash point* taghha biex johrog mill-istabbiliment minghajr ma jhallas, izda ma setax minhabba li kien hemm in-nies fin-nofs, u mbaghad ratu jipprova johrog minn *cash point* ohra warajha. Hija marret twaqqfu u rat illi dan ir-ragel kellu baskett f'idejh u meta hija staqsietu juriha x'kellu f'dan il-baskett huwa qal li ma kellu xejn u minflok ipprova johrog mill-istabbiliment. Dak il-hin, hija talbet lill-ufficjal tas-sigurta` tal-istabbiliment biex

[1] Xhieda tat-22 ta' Lulju 2020.

jghinnha twaqqfu u meta huma ppruvaw jehdulu l-baskett minn idejh, huwa minnufih beda jagixxi aggressivament fil-konfront ta' dawn iz-zewg persuni u jimbottahom, tant illi waqt din il-kollutazzjoni, huwa waqqa' l-baskett mal-art vicin il-bieb tal-hgieg tal-istabbiliment. Ix-xhud kompliet tispjega li dan ir-ragel ta daqqa ta' ponn lill-ufficjal tas-sigurta` u hareg mill-istabbiliment got-triq, fejn hemmhekk hi harget ukoll u wara li r-ragel telaq jigri ftit, rega' gie lura, hareg sikkina zghira u ppontaha fid-direzzjoni taghha waqt li qal il-kliem "*din il-mara jien ser noqtolha*". Fil-baskett li telaq warajh l-imputat, ix-xhud qalet li kien hemm flixkun tal-whisky li nkiser meta l-baskett waqa' fl-art, u zewg fliexken ohra. Pierre Mallia, il-manager tal-istabbiliment[2] u li kien prezenti meta sehhet din il-kollutazzjoni, xehed illi fil-baskett kien hemm ukoll fost affarijiet ohrajn, beritta bajda li huwa zammu fl-ufficcju tieghu.

L-Ispettur Sarah Zerafa esebiet DVD (Dok. SZ1) li gie mghoddi lilha minn Pierre Mallia, kontenenti l-filmat mehud mis-sistema ta' CCTV *cameras* fl-istabbiliment Carters Supermarket, liema filmat juri l-episidju tas-serqa li allegatament twettqet fis-6 ta' Gunju 2020. Il-Qorti rat dan il-filmat u osservat illi l-imputat jidher car idur gewwa l-istabbiliment u jiehu fliexken tax-xorb minn fuq l-ixkafef. Osservatu wkoll jipprova johrog minn *cash point* minghajr ma jhallas. Pierre Mallia kif ukoll Lamicchane Radhika gharfu minghajr tlaqliq fix-xhieda taghhom lil din il-persuna bhala l-imputat prezenti fl-Awla.

Fil-qies ta' dan l-gharfien, kif ukoll tar-rizultanzi tal-filmati esebiti fl-atti, fejn l-imputat, kif inghad, jidher car u huwa facilment identifikabbli bhala l-persuna li dehret fil-filmati u li saret referenza ghaliha fix-xhieda ta' Lamicchane Radhika, il-Qorti ftit li xejn ghandha rizervi biex tikkonkludi illi effettivament, din il-persuna hija proprju l-imputat odjern.

Fir-rigward tal-identifikazzjoni minn xhud tal-persuna tal-imputat, issir referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **The Executive Police vs Bernard Pintaric**, fejn intqal hekk:-

---

[2] Xhieda 22 ta' Lulju 2020.

"*Of course, this Court is not holding that the identification of a person should always be discarded. No textbook on Evidence says this and a person may be convicted on the identification by another person if the Court is convinced that the identification is a reliable one. This even more so when the identification is corroborated by other evidence.*"[3]

Il-Qorti qieset ukoll illi mill-kumpless tax-xhieda u l-provi, fosthom il-filmat Dok. SZ1 u l-fotogrammi relevanti[4] stampati mill-espert tekniku Dr. Stephen Farrugia Sacco[5], hija sodisfatta li l-imputat kien ha l-fliexken tax-xorb minn gewwa l-istabbiliment Carters Supermarket[6], poggihom fil-baskett li kellu u pprova johrog mill-istess stabbiliment minghajr ma hallas ghal dawn il-prodotti. Huwa stabbilit mill-provi illi l-imputat mhux biss qabez il-*cash points* minghajr ma hallas ghal dan ix-xorb, izda rrifjuta li juri lill-kaxxiera x'kellu f'dan il-baskett u **gie mwaqqaf b'dawn il-hwejjeg fil-pussess tieghu biss meta kien wasal biex johrog mill-bieb ta' barra tal-istabbiliment**, skont kif del resto jinsab affermat fix-xhieda ta' Pierre Mallia u Lamicchane Radhika.

Ghall-Qorti dan ifisser illi r-reat ta' serq gie effettivament ikkonsmat u fil-fatti ta' dan il-kaz ma jistax jigi ravvizat biss l-attentat ta' serq senjatament ghaliex l-element tal-*contrectatio*, fost l-elementi materjali l-ohra, kif ukoll l-element formali, jinsabu debitament sodisfatti.

Kwantu ghad-definizzjoni tal-element tal-*concrectatio*, kif inhuwa risaput, il-Qrati taghna jiffavorixxu - u ormai huwa effettivament assodat fil-gurisprudenza in materja[7] - it-taghlim tal-Carrara. Il-Carrara jhaddan it-teorija stretta tal-*amotio* li jekwipara l-*contrectatio* mas-semplici caqlieq tal-oggett mill-post li jkun fih, b'mod illi r-reat tas-

[3] Deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, fid-19 ta' Ottubru 2005.
[4] Ara fol. 220 u 201.
[5] Dok. B2, formanti parti mir-rapport Dok. SFS1.
[6] Ara senjatament ritratti a fol. 205, 206, 210 u 214
[7] 3 F'diversi decizjonijiet, fosthom fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet Il-Pulizija vs Michael Daniel Xuereb, deciza fid-19 ta' Frar 2014. Issir referenza ghall-insenjament tal-Carrara.

serq ikun komplut hekk kif ikun hemm it-tehid tal-oggett ta' haddiehor mill-imputat, bl-intenzjoni li jisirqu[8]. Skont l-interpretazzjoni tal-Carrara tal-element tal-*contrectatio*, hekk kif giet rikonoxxuta wkoll statutorjament fil-ligi Ingliza:-

*"... the theft is complete so soon as the thief has laid hands on the thing which he intended to steal and has removed it with such intent from the place where the owner had put it.*"[9]

Fil-fatt il-Professur Mamo fin-noti tieghu, jiddefinixxi hekk dan l-element:-

"*This is the act of taking possession of a thing divesting the actual owner. 'Contrectatio' therefore represents the act of completion of the theft and all acts which precede it may, if all other conditions are satisfied, constitute an attempt*."[10]

Fil-kaz in dizamina, il-provi juru li l-imputat pogga l-fliexken li huwa ha minn fuq l-ixkafef tal-istabbililment, mhux gewwa *shopping trolley* provdut mill-istabbiliment izda gewwa baskett li jostura l-kontenut tieghu u baqa' hiereg miz-zona mahsuba ghall-hlas tal-prodotti minghajr ma hallas u minghajr ma accetta li juri b'mod effettiv lill-impjegati tal-istabbiliment il-kontenut tal-baskett li kien qed igorr, bil-fliexken mhux imhallsin. Ghall-Qorti, minn dan kollu, jirrizulta b'mod inkonfutabbli li fl-agir u l-manuvri suspettuzi tal-imputat, li evidentement twettqu bil-konoxxenza u volonta` li jakkwista xi vantagg ghalih, huwa manifestat mhux biss id-*dolo* specifiku, izda wkoll l-asserzjoni ta' kontroll effettiv u assolut tal-imputat fuq l-oggetti li gew sottratti minnu. Dan qed jinghad ukoll ghaliex jirrizulta illi huwa kien spussessat minnhom biss bl-intervent tal-impjegati tal-istabbiliment meta wasal biex johrog mill-istess stabbiliment.

---

[8] Skont din it-teorija, minghajr it-tehid tal-oggett l-imputat jista' jinstab hati ta' attentat ta' serq izda mhux tar reat komplut.
[9] Mamo Notes, Vol. II page 294.
[10] Pagna 292.

Hawnhekk huwa relevanti dak li ntqal in propositu mill-Corte di Cassazione Taljana illi:-

"*Risponde di furto consumato e non semplicement e tentato chi, dopo essersi impossessato della refurtiva non sia ancora allontanato dal luogo della sottrazione e abbia esercitato sulla cosa un potere del tutto momentaneo essendo stato costretto ad abbandonarla subito dopo il fatto per il pronto intervenuto dell'avente diritto o della polizia.*"[11]

Ghaldaqstant, l-imputat ghandu jinstab hati tal-ewwel imputazzjoni.

**It-Tieni Imputazzjoni**

L-imputat gie mixli wkoll bir-reat taht l-Artikolu 6 tal-Ordinanza dwar l-Armi (Kap. 480). Dan jipprovdi li ħadd ma għandu jġorr 'il barra minn xi fond jew id-dintorni tiegħu xi sikkina jew strument li jaqta' jew bil-ponta ta' liema xorta jkun mingħajr ma jkollu liċenzja jew permess mingħand il-Kummissarju.

Il-Prosekuzzjoni tallega li l-imputat waqt li kien gewwa Carters Supermarket u waqt il-kollutazzjoni li sehhet gewwa kif ukoll barra dan l-istabbiliment, kellu fil-pussess tieghu mus, liema mus huwa allegatament hargu u xejru lejn xi persuni[12].

Huwa minnu illi Pierre Mallia xehed quddiem il-Qorti[13] li waqt l-incident li sehh fis-6 ta' Gunju 2020 fl-istabbiliment Carters, huwa cert li ra mus f'idejn l-imputat u rah ukoll ixejjer dan il-mus gewwa l-istabbiliment, liema fatt gie affermat minn Lamicchane Radhika li wkoll xehdet[14] illi l-imputat hareg sikkina zghira, beda jxejjirha fid-direzzjoni taghha u heddidha biha. Kemm hu hekk, din is-sikkina zghira

---

[11] Corte di Cassazione, 18 ta' Awwissu 1993.

[12] Madanakollu, l-imputat mhuwiex akkuzat bir-reat kontravvenzjonali taht l-Artikolu 339(1)(b) jew (d) tal-Kap. 9.

[13] Xhieda tat-22 ta' Lulju 2020.

[14] Xhieda tat-22 ta' Lulju 2020.

tidher ukoll fil-filmat ta' dan l-episodju (Dok SZ1[15]) u ma jirrizultax mill-provi li l-imputat kien inghata xi permess jew licenzja mill-Kummissarju tal-Pulizija biex igorr din is-sikkina.

Madanakollu, il-Qorti hi tal-fehma illi ghall-fini li tigi stabbilita l-htija tal-imputat ghal dan ir-reat, partikolarment meta wiehed iqis li dan il-mus qajla jidher fil-filmat minhabba d-daqs miniskulu tieghu, il-Prosekuzzjoni kellha wkoll tressaq provi jew xort'ohra tikkonvinci lil-Qorti illi din is-sikkina zghira kienet tax-xorta li jghoddu ghaliha d-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 6 tal-Kap. 480 u mhux dawk tad-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 7 tal-istess Kap. 480. Dan ghaliex l-Artikolu 7 tal-Kap. 480 jeskludi mill-applikazzjoni tal-Artikolu precedenti, *inter alia,* mus li jkollu xafra li tohrog mhux iktar minn tmien centimentri mill-maqbad u li jista' raġonevolment jitqies li jkun qed jinġarr bil-għan li jsir dak l-użu minnu bħal dak li soltu jsir minn mus.

Izda ma ngiebu l-ebda provi dwar il-daqs tal-mus jew ix-xafra tieghu. Ghaldaqstant, rinfaccjata bix-xhieda ta' Lamicchane Radhika, li ddeskriviet dan il-mus bhala "*sikkina zghira*", kif ukoll bil-filmat li fih jidher oggett bil-ponta ghad qasira, il-Qorti ma tistax serenament tasal ghall-konkluzjoni li l-mus li l-imputat kellu f'idu gewwa u barra l-istabbiliment in kwistjoni, jissodisfax l-element materjali kostittutiv tar-reat taht l-Artikolu 6 tal-Kap. 480. Ghaldaqstant, l-imputat mhux sejjer jinstab hati tat-tieni imputazzjoni.

**It-Tielet Imputazzjoni : Serqa li twettqet fl-24 ta' Gunju 2020 gewwa Agenda Bookshop, fl-Universita` ta' Malta, Msida**

Uriel Farrugia, manager tal-istabbiliment Agenda Bookstore, li jinsab gol-Campus tal-Universita` ta' Malta, l-Imsida, xehed[16] illi huwa rrapporta serqa li twettqet minn gewwa dan l-istabbiliment fl-24 ta' Gunju 2020, fejn insteraq flus kontanti li ttiehed

---

[15] Ara file intestat NVR3_Road Car Park_20200606105931.avi, mill-hin 4:20 u wkoll minn 4:45.

[16] 15 ta' Ottubru 2020.

minn gewwa *charity boxes* u minn gewwa kxaxen tal-*cash registers*, liema kxaxen (*cash drawers*) ukoll inqalghu minn posthom u nsterqu. Qal li nsterqu wkoll *tissues* u lighters, u l-Qorti fehmet li b'kollox, il-hwejjeg misruqin kellhom valur ta' €395.15[17]. Uriel Farrugia qal ukoll li l-access ghall-istabbiliment inkiseb bl-isgass tal-bieb u dan kmieni fil-ghodu fl-24 ta' Gunju 2020 waqt li l-istabbiliment kien maghluq. Xehed ukoll li huwa kien ra l-filmat mis-sistema ta' CCTV fl-istabbiliment u nnota li l-access ghall-hanut inkiseb mill-malvivent billi ccaqlaq u sforza s-serratura tal-bieb tal-hgieg. Mix-xhieda jirrizulta wkoll illi s-serratura tal-bieb kellha tigi mibdula minhabba li din kienet giet sgassata u l-prezz tas-serratura l-gdida kien ta' €45[18].

Il-Qorti rat il-filmati tas-serqa in kwistjoni (DVD Dok. JPP1[19]), liema filmati ttiehdu mis-sistema ta' CCTV *cameras* gewwa l-istabbiliment Agenda Bookstore[20] u tqis li huwa bil-wisq evidenti li l-persuna li tidher tisforza l-bieb tal-hgieg sakemm sgassa s-serratura[21], il-persuna li dahlet fl-istabbiliment b'borza tal-plastik trasparenti f'idejha[22], il-persuna li fethet il-kxaxen u harget zewg *cash boxes* li tefghethom gol-baskett[23] u sussegwentement, regghet dahlet fl-istabbiliment[24] u hadet maghha kxaxen shah kif ukoll eventwalment, lighter, m'huwa hadd hlief l-imputat odjern.

Huwa minnu illi din is-serqa twettqet meta l-istabbiliment kien maghluq u ma kien hemm ebda xhud okulari li ra s-serqa ssehh izda l-Qorti f'dan il-kaz ma ghandhiex ghalfejn tistrieh biss fuq l-identifikazzjoni tal-imputat mill-filmati esebiti fl-atti ghaliex **b'zieda ma' din il-prova, il-Qorti ghandha wkoll quddiemha prova inkonfutabbli li fuq il-bieb ta' barra tal-istabbiliment li fih saret is-serqa u li minnu jirrizulta li nkiseb l-access ghal gol-istess stabbiliment, instab impront digitali appartenenti lill-imputat**. Dan gie affermat mill-espert mahtur mill-Qorti, Joseph Mallia, li eleva l-impronti digitali tal-imputat u ghamel ezercizzju komparattiv

[17] Is-somma komplessiva ta' €440.15 tinkludi l-ispejjez ghat-tiswija tal-bieb fis-somma ta' €45 – Dok. UF1.
[18] Ara Dok. UF1, fol. 60.
[19] Esebit minn PC1007 Jean Paul Pizzuto fix-xhieda tieghu fl-15.10.2020.
[20] Il-filmati juru d-data tal-24.06.2020 fil-hin ta' 00 :48 'il quddiem.
[21] File li jispicca 559, Dok. JPP1.
[22] Camera 6.
[23] Filmat gewwa file li jispicca 5409_18009941 fil-00:48.
[24] F'00:54 tal-istess filmat.

bejn dawn l-impronti u l-lifters li gew elevati waqt l-access u tfittxija ghal evidenza forensika li saret minn ufficjali tax-xena tad-delitt fl-24 ta' Gunju 2020[25]. L-imsemmi espert fir-rapport tieghu wasal ghall-konkluzjoni[26] illi l-impront digitali li nstab fuq il-bieb ta' barra tal-istabbiliment jikkombaccja mal-impront tas-seba' l-kbir ta' id ix-xellugija tal-imputat.

Il-Qorti tosserva illi huwa ben stabbilit fil-gurisprudenza illi filwaqt li fil-kamp kriminali l-provi jistghu jkunu kemm diretti kif ukoll indizzjarji, il-provi indizzjarji ghandhom ikunu univoci biex inisslu konvinciment morali f'mohh il-gudikant lil hinn minn kull dubju ragonevoli, ta' reita` fl-imputat.

Fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Borg et** deciza fil-15 ta' Gunju 1998, il-Qorti tal-Appell Kriminali qalet hekk in propositu:

"*Provi jew indizzji cirkostanzjali ghandhom ikunu uniovoci, cioe` mhux ambigwi. Ghandhom ikunu indizzji evidenti li jorbtu lil akkuzat mar-reat u li jwasslu, mehuda ilkoll flimkien, ghal konkluzzjoni li kien l-akkuzat u hadd aktar, anzi l-akkuzat biss, li kien il-hati u li l-provi li tressqu kienu inkompatibbli mal-presunzjoni tal-innocenza tieghu. Il-prova ta' fingerprints qeghda hemmhekk biex f'xi kazijiet issahhah provi ohra tal-Prosekuzzjoni u f'kazijiet fejn dik tkun l-unika prova*". [emfasi ta' din il-Qorti]

Applikat dan l-insenjament ghall-fattispecje tal-kaz in dizamina, il-Qorti tqis li mehud wahdu, l-impront digitali tal-imputat fuq il-bieb ta' barra tal-istabbiliment minn fejn giet kommessa s-serqa in dizamina, jikkostitwixxi biss prova tal-fatt illi l-imputat kellu kuntatt mal-imsemmi bieb, kif inhuwa del resto mistenni li jaghmel kull klient li jidhol jixtri minn stabbiliment li wara kollox, huwa post pubbliku. Huwa minnu wkoll li ma jirrizultax li l-impronti tal-imputat instabu wkoll gewwa l-istabbiliment.

---

[25] Ara xhieda ta' PS586 Mario Azzopardi u PS1331 Darren Debattista, 22 ta' April 2021; rapport Dok. DD1: lifter 20 BCP 301.

[26] Dok. JM1, fol. 261 *et seq*.

Izda l-Qorti, filwaqt tirrikonoxxi illi hemm certi kazijiet fejn is-sejbien ta' impronti tal-persuna imputata fuq ir-*res furtiva* jew fuq oggett li bih jinkiseb access ghar-*res furtiva*, ma jistax jitqies bhala prova konklussiva tal-htija ghar-reat ta' serq jew hsara volontarja, hi tal-fehma illi dan il-kaz m'huwiex wiehed minnhom. Effettivament, dan il-kaz huwa differenti ferm mill-kaz mertu tas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Romeo Bone**[27] fejn l-unika prova kontra l-imputat kienet il-prova indizzjarja ta' impront digitali wiehed li nstab fuq il-batterija gewwa vettura li ma jirrizultax li kellha ebda konnessjoni mas-serqa mertu tal-kaz.

Ghall-kuntrarju, fil-kaz in dizamina, il-prova tal-impront digitali hija sorretta bil-fatt li fil-filmati esebiti fl-atti, l-imputat jidher b'mod manifest jisgassa l-istess bieb li fuqu instabu l-impronti tieghu ftit sighat wara. Ghalhekk, jirrizulta li oltre ghall-presenza tal-impronti digitali tal-imputat fuq il-bieb in kwistjoni, jezistu f'dan il-kaz provi ohrajn li jorbtu lill-imputat mas-serq tal-flus u oggetti ohra mill-istabbiliment in kwistjoni, liema provi mehudin flimkien, iwasslu lill-Qorti sabiex tigbed biss konkluzjoni wahda, cioe` illi kien effettivament l-imputat u hadd iktar li wettaq din is-serqa.

Konsegwentement, l-imputat ghandu jinstab hati tas-serqa li sehhet mill-istabbiliment Agenda Bookshop fl-Imsida fl-24 ta' Gunju 2021 ghall-habta ta' bejn 00 :30h u 01:30h. Billi jirrizulta wkoll illi l-valur tal-oggetti misruqa jeccedi s-somma ta' €232.94[28] u li l-access ghall-fond minn fejn ittiehdet ir-*res furtiva*, inkiseb bl-isgass tal-bieb ghall-habta ta' ftit minuti qabel is-1:00h[29], l-imputat ghandu jinstab hati tar-reat ta' serq aggravat bil-valur, bil-hin kif ukoll bil-mezz.

## Ir-Raba' Imputazzjoni

Dwar ir-raba' akkuza, fejn l-imputat jinsab mixli bir-reat kontravvenzjonali taht l-Artikolu 339(1)(e) tal-Kap. 9, xehdet Dina Persiano li spjegat illi hija tahdem fl-

[27] Deciza minn din il-Qorti diversament preseduta, 17 ta' Mejju 2016.
[28] Art. 267 Kap. 9.
[29] Ara filmati Dok. JPP1.

istabbiliment bl-isem Convenience Store gewwa Triq Oscar Zammit, l-Imsida, u fl-24 ta' Gunju 2020 hija rat mill-*cameras* li hemm gewwa l-istabbiliment, persuna li kienet qed iddahhal oggetti fosthom couscous u zebbug, fil-baskett tieghu. Hi minnufih gharfet lill-imputat fl-awla bhala din il-persuna li kien qed jipprova jisraq minn gol-istabbiliment u dan ghaliex hija spjegat li meta kienet waqfitu u kellmitu bil-Gharbi biex johrog l-affarijiet mill-baskett, din il-persuna bdiet tistaqsiha dwar missierha u fejn toqghod, u heddidha li ser jigi isibha u jaqbad itiha. Ix-xhud qalet li wara li l-imputat ghall-bidu insista li ma kellu xejn fil-baskett, sussegwentement hareg l-affarijiet u hallas ghalihom. Ikkonfermat ukoll li lill-Pulizija tathom ukoll l-istess *pen drive* li jinsab esebit fl-atti bhala Dok. GB2, kontenenti l-filmati mehudin mis-sistema ta' CCTV *cameras* gewwa l-istabbiliment[30].

Dan il-filmat huwa car u l-Qorti wara li rat l-istess filmat kif ukoll il-fotogrammi relevanti fl-atti[31], tqis illi l-imputat huwa immedjatament identifikabbli bhala l-persuna li tidher tiggestikola u tipponta b'idejh f'wicc wahda mill-impjegati tal-istabbiliment waqt li jidher qieghed jindirizzaha u javvicinaha b'mod evidentement aggressiv. Dan ikompli jsahhah il-konvinzjoni tal-Qorti illi hekk kif xehdet Dina Persiano, l-imputat heddidha li ser ifittixha biex isawwatha.

Ghaldaqstant hija ppruvata l-htija tal-imptuat ghar-reat kontravvenzjonali that l-Artikolu 339(1)(e) tal-Kap. 9.

**Il-Hames Imputazzjoni**

Fil-hames akkuza, l-imputat gie mixli li hedded jew ingurja lil Marilyn Schembri fl-istabbiliment 8 Till Late gewwa Triq it-Torri, Sliema, fis-26 ta' Gunju 2020.

[30] PC912 Gilmour Bugeja esebixxa dan il-pen drive u afferma li dan kien moghti lilu direttament minn Dina Persiano – xhieda tat-28 ta' Settembru 2020.
[31] Fol. 247 sa 250.

Marilyn Schembri xehdet quddiem il-Qorti[32] u qalet illi fil-hanut dahal ragel li ma kienx qed igib ruhu b'mod normali u dehrilha li kien jinsab taht l-influwenza tal-alkohol ghaliex beda jxengel u jhares hafna lejha u lejn il-kollega taghha. Qalet li ddecidiet li zzomm ghajnejha fuqu u lemhitu jiehu xi fliexken tal-birra minn gol-fridge u jdahhalhom fil-gakketta li kellu. Ix-xhud spjegat illi peress li hija kienet fuq in-naha ta' gewwa tal-hanut, kienet il-kollega taghha li kienet hdejn il-*cash point* li waqfet lil dan ir-ragel u beda jidghi u jghajjat kif ukoll jheddidha li ser joqtolha. Hi xehdet hekk:-

"*Il-kollega tieghi waqfitu li kienet qieghda fejn il-cash point, ghaliex jiena kont qieghda aktar il gewwa fejn, in-naha ta' gewwa fejn tal-istore. Ovjament kont qed inzomm hafna ghajnejja fuqu ukoll u hu imbaghad ta l-affarijiet fuq il-bank ... fuq il-cash point ... imbaghad beda jghajjat u jgerger ghaliex il-prezzijiet taghna huma gholjin. Beda jidghi ukoll, il-kliem ma kienx daqstant car* ***u fl-ahhar ukoll beda jghajjat li ha jheddida biex joqtolha***." [emfasi tal-Qorti]

Ix-xhud iddikjarat li hija ma setghetx tiddeskrivi lil dan ir-ragel u kieku kellha terga' tarah, ma taghrfux. Minn din ix-xhieda l-Qorti m'hijiex konvinta la illi kien proprju l-imputat il-persuna li Marilyn Schembri ghamlet referenza ghaliha fix-xhieda taghha, u lanqas li gie ppruvat sodisfacjentement illi din il-persuna ingurjat jew heddet proprju lill-istess Marilyn Schembri. Ghall-kuntrarju, il-Qorti fehmet li t-theddid li x-xhud qalet li semghet ("*issa noqtlok*"), kien indirizzat lejn il-kollega taghha Janet Brincat li kienet waqqfet lil din il-persuna hdejn il-*cash point* u qaltilha biex thallas ghall-fliexken tal-birra. Minn dak li fehmet il-Qorti, Marilyn Schembri kienet fuq in-naha ta' gewwa tal-hanut u fl-ebda waqt matul ix-xhieda taghha ma qalet li hija kienet raggungiet lill-kollega taghha hdejn il-*cash point* u li l-persuna in kwistjoni indirizzat it-theddida li kienet ser toqtol, lilha direttament. Dan qed jinghad ghaliex l-imputat gie mixli specifikatament li huwa hedded lil Marilyn Schembri u lil ebda persuna ohra.

[32] 1 ta' Marzu 2021.

Ghaldaqstant, ma jistax jinstab htija fl-imputat ghall-hames imputazzjoni.

**Is-Sitt Imputazzjoni : Serqa li twettqet fit-28 ta' Gunju 2020 gewwa Costa Coffee, Triq Santa Lucia, Valletta**

Jean Paul Enriquez xehed[33] illi fit-28 ta' Gunju 2020 insterqu *cash register* kif ukoll is-somma ta' €150 minn gewwa *cash register* iehor fl-istabbiliment Costa Coffee gewwa l-Embassy Complex, il-Belt Valletta, liema serqa giet rapportata lilu mill-ufficjali tas-sigurta` tal-kumpless. Huwa ra l-filmat mehud mill-*cameras* tas-sigurta` fl-istabbiliment fejn ra persuna jisgassa l-bieb ta' barra tal-istabbiliment, liema bieb garrab xi hsarat izda gie msewwi dakinhar stess, u ghadda dan il-filmat tramite *e-mail* lill-Pulizija. Dan il-filmat gie esebit fl-atti[34] u nhargu wkoll numru ta' fotogrammi minnu bhala parti mill-inkarigu li nghata lill-espert tekniku gudizzjarji, Dr. Stephen Farrugia Sacco.

PS 728 Brandon Borg xehed[35] illi huwa akkumpanja lil Jean Paul Enriquez fuq il-post u kkonferma li huwa ra li l-bieb tal-hgieg tal-istabbiliment ghad illi mhux imkisser, kien infetah billi gie sfurzat.

Il-Qorti tosserva illi din is-serqa twettqet meta l-istabbiliment kien ghadu maghluq u ma kien hemm l-ebda xhud okulari tas-serqa. Il-malvivent jidher biss fil-filmati mehdin mill-*cameras* tas-sigurta` gewwa l-istess stabbiliment ghall-habta tat-8.00 a.m. fl-24 ta' Gunju 2020, liema filmati, kif inghad, gew mghoddija mill-manager Jean Paul Enriquez, lill-Pulizija. Il-Qorti rat dawn il-filmati kif ukoll il-fotogrammi estratti mill-espert tekniku gudizzjarju fir-rapport tieghu, u tqis illi huwa evidenti li l-persuna li tidher diehla fl-istabbiliment billi tigbed il-bieb tal-hgieg sakemm dan infetah, m'huwa hadd hlief l-imputat odjern. Ix-xebh huwa manifest u l-Qorti hija moralment konvinta illi effettivament, dik il-persuna li tidher ukoll jgharrex wara l-bank u jiehu

[33] Xhieda tal-15 ta' Ottubru 2020.
[34] Dok. PC2. Fol 41.
[35] Xhieda tal-1 ta' Dicembru 2020.

f'idejh kaxxa tal-hadid kif ukoll jiehu flixkun mill-fridge u johrog bihom mill-istabbiliment, huwa l-imputat.

Din il-konkluzjoni hija rinforzata wkoll bix-xhieda tal-Ispettur Priscilla Caruana Lee li xehdet illi dakinhar 24 ta' Gunju 2020 fil-ghodu, l-imputat kien qieghed mizmum gewwa l-Ghassa tal-Pulizja tal-Belt Valletta in konnessjoni ma' xi argument gewwa hanut il-Furjana u hija haditlu ritratt meta ratu dak il-hin gewwa l-Ghassa tal-Pulizija[36]. Ghall-Qorti dan ifisser illi l-imputat kien fl-akkwati immedjati tal-istabbiliment Costa Coffee gewwa l-Belt Valletta fl-24 ta' Gunju 2020 fil-ghodu ftit wara li twettqet is-serqa ghall-habta fit-8.00 a.m. minn gol-istess stabbiliment.

Fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Peter Ebejer**[37], gie ribadit illi l-grad ta' prova li trid tilhaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jhalli ebda dubju dettat mir-raguni u mhux xi grad ta' prova li ma jhalli ebda ombra ta' dubju, ghaliex id-dubji ombra ma jistghux jitqiesu bhala dubji dettati mir-raguni. Fi kliem iehor, dak li l-gudikant irid jasal ghalih hu, li wara li jqis ic-cirkostanzi u l-provi kollha, u dejjem bl-applikazzjoni tal-buon sens tieghu, ikun moralment konvint minn dak il-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni.

Il-Qorti, kif ghamlet ukoll il-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza appena msemmija, qieghda ticcita dak li qal **Lord Denning** fil-kaz **Miller vs Minister of Pension**[38] tal-espressjoni *'proof beyond a reasonable doubt.'*

*"Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence 'of course it is possible but not in the least probable', the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing shall of that will suffice."*

[36] DOk. PC1, fol. 42.
[37] Deciza 5 ta' Dicembru 1997.
[38] 1974 - 2 ALL ER 372.

Il-Qorti, mizmum ferm il-konsiderazzjonijiet appena maghmula, tqis illi l-presenza tal-imputat fuq il-lok ta' dan id-delitt huwa ppruvat lil hinn minn kull dubju ragjonevoli mill-provi fl-atti. F'dan il-kaz il-Qorti temmen li l-kumpless tal-provi ma jhalli ebda dubju li huwa dettat mir-raguni li l-persuna li wettqet is-serqa minn gewwa l-istabbiliment Costa Coffee, il-Belt Valletta, fit-28 ta' Gunju 2020, kien l-imputat.

Ghaldaqstant, l-imputat ghandu jinstab hati tas-serqa li mixli biha fis-sitt imputazzjoni, liema serqa gie ppruvat li hija kwalifikata bil-mezz a tenur tal-Artikolu 263(a) u l-Artikolu 264(1) tal-Kap. 9, stante l-isgass tal-bieb ta' barra tal-istabbiliment li, mix-xhieda, jirrizulta illi gie sfurzat biex jinfetah tant illi l-bieb sarlu hsara li kellha tigi msewwija.

## Is-Seba' u t-Tmien Imputazzjonijiet

L-imputat gie mixli wkoll li kkommetta r-reati addebitati lilu fl-imputazzjonijiet l-ohra fic-Citazzjoni, waqt il-perijodu operattiv ta' zewg sentenzi sospizi: (i) sentenza moghtija fit-22 ta' Ottubru 2015 minn din il-Qorti diversament preseduta[39], fejn l-imputat f'dik il-kawza gie kkundannat tliet xhur prigunerija sospiza ghal erba' snin, liema terminu gie estiz ghal erba' snin ohra permezz ta' sentenza moghtija fl-4 ta' Gunju 2018 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Mahmoud Ben Ramadan**; u (ii) l-istess sentenza appena msemmija, moghtija minn din il-Qorti diversament preseduta fl-4 ta' Gunju 2018 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Mahmoud Ben Ramadan**[40] li kkundannat lill-imputat f'dik il-kawza ghall-piena ta' prigunerija ghal tliet xhur sospizi ghal erba' snin.

Il-Qorti tibda biex tosserva illi ma giex esebit fl-atti tal-kawza is-sentenza moghtija fit-22 ta' Ottubru 2015 li kkundannat lill-hati f'dawk il-proceduri, ghas-sentenza ta' tliet snin prigunerija sospiza ghall-perijodu originali ta' erba' snin, ghalkemm din il-

[39] Ara fedina penali tal-imputat, Dok. JR2.
[40] Kopja legali ta' din is-sentenza giet esebita bhala Dok. SZ2, fol. 66, 67.

kundanna tirrizulta minn harsa lejn il-fedina penali tal-imputat u l-kopja legali tas-sentenza tal-4 ta' Gunju 2018. Kif inghad, din il-kundanna saret referenza ghaliha fis-sentenza tal-4 ta' Gunju 2018 fejn huwa evidenti li hemmhekk, il-Qorti qieset li l-prova li ngiebet fl-atti mill-Prosekuzzjoni dwar l-identita` tal-hati kienet sufficjenti biex issib lill-imputat – li wara kollox ammetta l-htija tieghu ghal dan l-addebitu – hati li wettaq reati waqt il-perijodu operattiv tas-sentenza tat-22 ta' Ottubru 2015.

Dan stabbilit, izda, il-Qorti tqis illi f'kull kaz, huwa imperattiv li jigi ppruvat fil-grad li trid il-ligi illi l-hati kkundannat fis-sentenza tal-4 ta' Gunju 2021 huwa l-imputat odjern. Dan ghaliex il-Qorti trid tiddetermina l-htija ghal addebitu li jgib mieghu bhala konsegwenza, id-dhul fis-sehh ta' sentenza ta' prigunerija ghal zmien komplessiv ta' xejn inqas minn sitt xhur.

Il-Qorti ezaminat is-sentenza tal-4 ta' Gunju 2018 u tosserva li l-isem tal-imputat m'huwiex l-istess isem tal-hati li gie kkundannat fis-sentenza tal-4 ta' Gunju 2018 u li jismu "Mahmoud Ben Ramadan". Barra minn hekk, ghalkemm tassew id-data tat-twelid indikata f'dik is-sentenza hija identika ghad-data tat-twelid tal-imputat odjern, cioe` 16 ta' Jannar 1977 bhalma huwa wkoll in-numru tal-karta tal-identita` (158832A), il-konnotati ta' ommu u missieru ma jaqblu kwazi xejn ma' dawk indikati fis-sentenza in dizamina. Huwa minnu li dan kollu jfisser li jezistu d-divergenzi fil-konnotati tal-imputat odjern u dawk tal-persuna li giet misjuba hajta fis-sentenza tal-4 ta' Gunju 2018 u huwa minnu wkoll illi l-Prosekuzzjoni naqset milli tressaq prova permezz tax-xhieda tal-Ispettur li kien qed jipprosegwixxi l-kawza deciza bis-sentenza tal-4 ta' Gunju 2018 biex jidentifika pozittivament lill-imputat odjern bhala l-hati kkundannat bis-sahha ta' dik l-imsemmija sentenza.

Izda dan premess, il-Qorti tqis illi fic-cirkostanzi ingiebet prova sodisfacjenti ghall-fini tas-seba' u tat-tmien imputazzjonijiet dwar l-identita` tal-imputat bhala l-persuna misjuba hatja fis-sentenza tal-4 ta' Gunju 2018 tal-addebitu taht l-Artikolu 28B tal-Kap. 9, u dan ghaliex il-konnotati konsistenti fin-numru tal-karta tal-identita` 158832A huma identici.

Skont kif gie ritenut in propositu mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza taghha fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Christopher Scerri**, deciza fl-1 ta' Novembru 2007:-

"*Ibda biex illum gie ritenut li biex tigi stabilita' l-identita' tal-persuna akkuzata bl-addebitu tar-recidiva, ma hemmx bzonn li jitla' xhud tal-identita' u f'certi kazi ikun bizzejjed li jitqabblu l-konnotati w l-generalita' tal-persuna li tkun, specjalment fejn illum kull persuna ghandha numru tal-karta tal-identita' uniku w rrepetibbli (ara App. Krim. "Il-Pulizija vs. Carmela Spiteri" [18.3.2004])*"

Fil-qies ta' dan kollu, il-Qorti hija moralment konvinta illi Mahmoud Ben Ramadan bil-karta tal-identita` numru 158832A huwa l-imputat odjern u dan stabbilit, hija sodisfatta wkoll illi galadarba is-sentenza tal-4 ta' Gunju 2018 estendiet, fil-parti dispozittiva taghha, il-perijodu operattiv originali erogata bis-sentenza tat-22 ta' Ottubru 2015 b'erba' snin ohra li bdew jghaddu mid-data tal-istess sentenza tal-4 ta' Gunju 2018, huwa evidenti li r-reati li qed jinsab hati taghhom illum l-imputat[41], twettqu matul il-perijodu operattiv ta' dawn iz-zewg sentenzi.

Ghaldaqstant, l-imputat ghandu jinstab hati tas-seba' u t-tmien imputazzjonijiet dwar l-addebitu taht l-Artikolu 28B tal-Kap. 9.

**L-Addebitu tar-Recidiva**

Il-Qorti ghall-istess ragunijiet appena kkunsidrati, tqis illi s-sentenza tal-4 ta' Gunju 2018 tikkostitwixxi prova sodisfacjenti ghall-fini ta' prova dwar l-addebitu tar-recidiva, talanqas taht l-Artikolu 49 tal-Kap 9. Dan qed jinghad ghaliex peress li evidentement, fiz-zmien meta twettqu r-reati li l-imputat qed jinstab hati taghhom f'din is-sentenza, cioe` f'Gunju 2020 il-perijodu operattiv tas-sentenza sospiza erogata bis-sentenza tal-4 ta' Gunju 2018 kif ukoll il-perijodu operattiv, kif estiz, tas-sentenza

[41] F'Gunju 2020, cioe` inqas minn erba' snin wara s-sentenza tal-4 ta' Gunju 2018.

erogata fit-22 ta' Ottubru 2015, kienu ghadhom entrambi fis-sehh, dawn is-sentenzi ma jistghux jitqiesu li gew « skontati » fit-tifsira tal-Artikolu 50 tal-Kap. 9.

Kwantu ghall-kopja legali tas-sentenza Dok. SZ3[42] moghtija minn din il-Qorti diversament preseduta fil-21 ta' Ottubru 2015 fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Mahmoud Suleiman Ben Ramadan**, il-Qorti tqis li ma ngabitx prova sodisfacjenti tal-identita` tal-imputat bhala l-persuna kkundannata bis-sahha tal-imsemmija sentenza. Effettivament, l-uniku konnotat li nghata dwar il-hati li gie kkundannat f'dik is-sentenza, jikkonsisti fin-numru tal-identifikazzjoni tal-Pulizija 17447/14 liema numru ma jirraffigura mkien fost il-konnotati tal-imputat odjern u ma ngiebet l-ebda prova ohra ghall-fini li jintwera li l-hati u l-imputat odjern huma l-istess persuna.

Imbaghad, kwantu ghall-kopja legali tas-sentenza esebita fl-atti bhala Dok. SZ4[43], moghtija wkoll minn din il-Qorti diversament preseduta fil-15 ta' Marzu 2018 fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Mahmoud Ben Ramadan**, jigi osservat mhux biss li ma fiha l-ebda konnotati kwalsiasi tal-hati kkundannat, izda l-Prosekuzzjoni ghal darb'ohra naqset milli tressaq l-ahjar prova biex tikkonvinci l-Qorti dwar l-identita` tal-hati f'dik is-sentenza.

Ghaldaqstant, l-imputat ser jinstab hati biss tal-addebitu tar-recidiva taht l-Artikolu 49 bis-sahha tal-prova migjuba permezz tal-kopja legali tas-sentenza erogata fl-4 ta' Gunju 2018 (Dok. SZ2), liema sentenza - peress li kkundannat lill-imputat ghar-reat ta' serq semplici u peress illi l-imputat qed jigi ikkundannat ukoll illum ghal diversi reati ta' serq - isservi wkoll bhala prova ghall-fini tar-recidiva taht l-Artikolu 289 tal-Kap. 9.

**DECIDE**

[42] Fol. 68 *et seq*.
[43] Fol. 80 *et seq*.

**Ghal dawn il-motivi, filwaqt illi ma ssibx lill-imputat hati tat-tieni u l-hames imputazzjonijiet u ma ssibux hati lanqas tal-addebitu tar-recidiva taht l-Artikolu 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u tilliberah minnhom, wara li rat l-Artikoli 17, 28B, 28C, 31, 49, 261(b)(c)(f), 263(a), 264(1), 267, 270, 278, 279, 280(2), 284, 285, 289 u 339(1)(e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, qieghda ssib lil MAHMUD SULEIMAN BEN RAMADAN hati tal-ewwel (1), it-tielet (3), ir-raba' (4), is-sitt (6), is-seba' (7) u t-tmien (8) imputazzjonijiet kif ukoll hati tal-addebitu tar-recidiva taht l-Artikoli 49 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u tikkundannah erba' u ghoxrin (24) xahar prigunerija effettiva.**

**Ghall-fini tas-seba' u t-tmien imputazzjonijiet, u b'applikazzjoni tal-Artikolu 28B u 28C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, qieghda tittratta ma' MAHMUD SULEIMAN BEN RAMADAN ghar-rigward is-sentenza sospiza moghtija fil-konfront tieghu nhar it-22 ta' Ottubru 2015 (kif estiza bis-sentenza tal-4 ta' Gunju 2018) ta' tliet xhur prigunerija, u ghar-rigward is-sentenza sospiza moghtija fil-konfront tieghu nhar l-4 ta' Gunju 2018 ukoll ta' tliet xhur prigunerija, billi tordna li dawn is-sentenzi jidhlu fis-sehh stante illi r-reati li dwarhom qed jinstab hati gew kommessi fil-perjodu operattiv ta' dawk is-sentenzi.**

**B'hekk b'kollox il-hati ghandu jiskonta perjodu komplessiv ta' tletin (30) xahar prigunerija effettiva.**

**B'applikazzjoni tal-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tikkundanna lil MAHMUD SULEIMAN BEN RAMADAN sabiex ihallas lir-Registratur tal-Qorti is-somma komplessiva ta' elf seba' mija u sittin Euro u ghaxar centezmi (€1,760.10) rapprezentanti l-ispejjez kollha li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti mahturin fil-proċeduri**[44].

[44] Is-somma ta' €1,233.34 rapprezentanti spejjez tar-relazzjoni Dok. SFS1 (fol. 178 *tergo*), u s-somma ta' €526.76 spejjez tar-relazzjoni Dok. JM1 (fol 277).

**Tordna li kopja ta' din is-sentenza tigi notifikata lir-Registratur tal-Qorti.**

**DR. RACHEL MONTEBELLO**

**MAGISTRAT**